MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 325/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Galea talli fl-akwata ta’ San Guzepp tat-Targa, limiti tal-Mosta, nhar-it 3 ta’ Jannar 2006 u/jew fil-granet jew gimghat ta’ qabel bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita` tieghu nnifsu, fixkel lil John Vella u lil Paul Vella fil-pussess u t-tgawdija ta’ hwejjighom u dan billi mbarra l-bibien ta’ zewg kamrini sitwati fl-imsemmija lokalita`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-4 ta’ Novembru 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Emanuel Galea hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta’ erba’ mitt euro (€400) u, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat lill-istess Emanuel Galea jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf sitt mija tmienja u sittin euro u tmienja u tletin centezmi (€1,668.38) rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Emanuel Galea pprezentat fit-12 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, b’dan li, f’kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta’ htija, tirriforma dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-appellant gie ordnat ihallas l-ispejjez tal-perizja teknika u jew tirrevoka kompletament tali ordni jew tirriduci l-ammont li ghandu jigi ordnat ihallas;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lid-difensur ta’ l-appellant tirrimetti ruhha ghar-rikors ta’ appell u lill-prosekuzzjoni u l-parte civile jirrimettu ruhhom ghas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-miktub tieghu u s-sentenza hi nieqsa minn kwalunkwe motivazzjoni; (2) ma hemmx provi li l-kmamar in kwistjoni kienu fil-pussess tal-kwerelanti u, fi kwalunkwe kaz, l-appellant ha l-pussess fis-sena 2003 u mhux fil-perijodu indikat fic-citazzjoni; (3) f’kull kaz tapplika l-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur ta’ l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali; (4) f’kaz li jigi liberat mill-imputazzjoni ghandu jigi revokat l-ordni ghall-hlas ta’ l-ispejjez ta’ l-espert u f’kaz kuntrarju ghandu jkun hemm tnaqqis fis-somma; (5) id-dokumenti

esibiti mill-parte civile man-nota ta’ sottomissjonijiet gew ipprezentati wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li kienet ghalqet il-provi; (6) f’kaz li tigi kkonfermata s-sentenza appellata, jitlob zmien ghall-hlas tal-multa u ta’ l-ispejjez peritali.

Kwantu ghall-ewwel aggravju jirrizulta mill-atti li l-unici sottomissjonijiet bil-miktub li gew ipprezentati qudiem l-ewwel Qorti kienu dawk tal-*parte civile* u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni ta’ sottomissjonijiet li ma gewx ipprezentati – dan nonostante l-verbal tas-7 ta’ Ottubru 2008: *“Dr. Edward Gatt u Dr. Chris Cilia kienu prezentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom izda dawn mhumiex inseriti fl-atti b’hekk qed jobbligaw ruhhom li jergghu jipprezentaw in-noti taghhom sa zmien gimgha millum.”* Wara dik id-data ma jirrizultax li gew ipprezentati noti izda jirrizulta li n-nota tal-*parte civile* kienet effettivament giet ipprezentata fis-26 ta’ Marzu 2008 (fol. 20 – 25).

Kwantu mbaghad ghall-ilment ta’ l-appellant li s-sentenza mhix motivata, din il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta li jipprovdi ghal dak li ghandu jkun fiha sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Kjarament fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ottemperat ruhha ma’ din id-disposizzjoni.

L-ewwel aggravju huwa ghalhekk respint.

L-aggravji l-ohra jirrikjedu apprezzament tal-provi. L-ewwelnett jigi osservat li ghalkemm l-imputazzjoni kontra l-appellant tirreferi ghal “zewg kamrini” u l-appellant gie dikjarat hati ta’ l-imputazzjoni hekk kif dedotta, permezz ta’ verbal li sar quddiem il-perit tekniku l-A.I.C. Valerio Schembri fid-19 ta’ Jannar 2007, Dott. Edward Gatt ghall-

parte civile rrileva li l-kwerelanti kienu qed jillimitaw il-pretensjonijiet taghhom ghal kamrin wiehed, u cioe` dak li jidher fir-ritratti Dok. GV01 u Dok. GV02.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi jirrizulta a sodisfazzjon ta’ din il-Qorti li l-kamra in kwistjoni kienet ghal zmien twil fil-pussess tal-kwerelanti. Dan qieghed jinghad a bazi tax-xiehda tal-kwerelanti, partikolarment dik ta’ Giovann Vella u ta’ Pawlu Vella kif ukoll dik ta’ Frans Vella, u rrispettivament minn jekk kinux ilhom numru ta’ snin ma juzawha qabel ma l-appellant ha l-pussess tal-kamra issa in kwistjoni billi, kif jammetti hu stess, fetah il-bieb b’tornavit peress li kien kollox mherri bis-sadid. “Hadd hlief jien ma seta’ jiftah ghajr jekk mhux permezz ta’ sgass.” Dan gara fl-ahhar tas-sena 2002. Permezz ta’ ittra datata 6 ta’ Frar 2003 l-appellant gie interpellat mill-kwerelanti tramite d-difensur taghhom biex jizgombra mill-imsemmija kamra. L-appellant injora l-ittra u l-kwerelanti ma hadux azzjoni ulterjuri. Bejn l-agir imsemmi ta’ l-appellant u l-hrug tac-citazzjoni odjerna ghaddew aktar minn tliet snin u ghalhekk m’hemm l-ebda dubju li l-perijodu preskrittiv ta’ sentejn relattivament ghal tali agir ta’ l-appellant iddekorra. Pero` mill-provi rrizultaw zviluppi ohra.

L-appellant xehed illi f’Settembru 2005 mar l-Awstralja ghal xi tliet xhur. Meta rritorna ddecieda li jaghmel bieb gdid ghall-kamra in kwistjoni izda meta mar biex jiftah bic-cavetta tieghu sab li l-katnazz li kien ghamel hu kien gie mibdul. Peress illi ried ikejjel ghall-bieb kisser il-katnazz, ha l-kejl u wahhal bieb gdid. Dan kollu gara lejn l-ahhar tas-sena 2005. Jigifieri l-appellant ghal darb’ohra “ezercita dritt li ppretenda li ghandu”. Minflok ma agixxa permezz ta’ l-awtoritajiet kompetenti, agixxa bl-awtorita` tieghu nnifsu – dan meta kien jaf li l-kwerelanti kienu qeghdin isostnu illi l-kamra kienet taghhom. Pawlu Vella sahansitra xehed li kienu ftehmu li jekk igibu l-muftieh u jaqbel mal-bieb, il-kmamar taghhom, cioe` tal-kwerelanti, izda kif gab il-muftieh sab il-bieb mibdul. Pawlu Vella semma wkoll kif l-appellant kien ghamel katnazz u nehhewh u ghamlu iehor taghhom – kjarament dan kien il-katnazz li l-appellant qabad u nehha meta rritorna mill-Awstralja.

L-appellant jirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija v. Eileen Said** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Gunju 2002 li: **"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu ."** Izda l-istess sentenza tkompli tispjega: **"Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :- *'L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e` nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque, perche` la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo` variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita` giudiziale."*** Meta l-appellant irritorna mill-Awstralja u sab katnazz iehor, huwa kien gie priv mill-godiment tal-kamra izda xorta ghazel li jagixxi kif agixxa, u b'hekk gie li kkommetta r-reat ta' ragion fattasi.

L-isgass li l-appellant ghamel fl-ahhar tas-sena 2005 mhuwiex preskritt ghax ic-citazzjoni nharget fit-13 ta' Jannar 2006. Inoltre peress illi jirrizultaw l-elementi mehtiega biex jissussisti r-reat ta' ragion fattasi, l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

Kwantu mbaghad l-ordni sabiex l-appellant ihallas l-ispejjez ta' l-espert, din il-Qorti tirreferi ghal dak li jipprovdi l-artikolu 533(1) tal-Kap.9:

**"Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew lil hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghal hlas lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri…."**

F'dan il-kaz jirrizulta li l-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija *ex officio* izda permezz ta' kwerela ta' l-Avukat Dottor Edward Gatt f'isem John Vella u Pawlu Vella (ara kwerela a fol. 2 tal-process). Ghalhekk l-appellant ma kellux jigu

kkundannat ghall-ispejjez peritali ghax il-ligi titkellem car f'dar-rigward. Ara f'dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2008 u s-sentenza **Il-Pulizija v. Josephine Bartolo et** moghtija fit-2 ta' Lulju 2008.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati skond l-imputazzjoni hekk kif dedotta u minflok issibu hati talli fl-akwata ta' San Guzepp tat-Targa, limiti tal-Mosta, nhar-it 3 ta' Jannar 2006 u/jew fil-granet jew gimghat ta' qabel bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita` tieghu nnifsu, fixkel lil John Vella u lil Paul Vella fil-pussess u t-tgawdija ta' hwejjighom u dan billi mbarra l-bieb ta' kamrin sitwat fl-imsemmija lokalita` u li jidher fir-ritratti Dok. GV1 u Dok. GV2 a fol. 56 u 57 tal-process, tirrevokaha wkoll in kwantu ordnat lill-appellant ihallas sa zmien xahrejn lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf sitt mija u tmienja u sittin euro u tmienja u tletin centezmi (1,668.38) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------